VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,352, 29 ta' Novembru, 2024
Taqsima B

A.L. 324 tal-2024

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA
(KAP. 463)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriża ta' Malta bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro (Emenda Nru 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 463.09.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (7) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"(7) L-ebda għajnuna skont dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni fuq spejjeż inkorsi wara l-31 ta' Diċembru 2025. L-ebda għajnuna ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni skont dawn ir-regolamenti wara l-31 ta' Diċembru 2027.".